MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-03 ta’ Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 234/2015/1 LM

**Maria Agius (K.I. nru. 65990M)**
*(“l-appellata”)*

***vs*.**

**Irving Schembri (K.I. nru 351689(M))**
*(“l-appellant”)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Irving Schembri (K.I. nru 351689M)** [minn issa ’l quddiem “l-appellant”] mis-sentenza mogħtija fl-1 ta’ Lulju, 2020, [minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”], mill-Qorti tal-Maġistrati [minn issa ’l quddiem “l-ewwel Qorti”], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tar-rikorrenti **Maria Agius (K.I. nru 65990M)** [minn issa ’l quddiem “l-appellata”] kif ġej:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba u tkkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' tmint'elef, ħames mija u ħames Euro u disgħa u sebgħin euro ċenteżmu (€8,505.79c); u*

*2. Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attriċi l-oġġetti kollha proprjetà tal-attriċi u ċioé ħwejjeġ u żraben, il-griljoso, il-pożati kollha,* dinner set*, borom, tazzi, vażun l-aħmar kbir u xugamani u l-aċċessorji tal-kamra tal-banju fi żmien ħmistax mil-lum.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-konvenut u bl-imgżax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas tas-somma ta' €8,505.79 vantata mill-appellata fil-konfront tal-appellant, u anki pretensjoni li għandhom jintraddu lura lilha diversi oġġetti li allegatament huma proprjetà tagħha. Hija tikkontendi li s-somma li qed tippretendi hija dovuta lilha, tirrappreżenta diversi ħlasijiet li hija għamlet għal xogħlijiet, benefikati u miljoramenti fil-proprjetà ossia appartament numru 3 fil-blokk li għandu n-numru 9 u bl-isem "Stemar", fi Triq l-Amerika, Naxxar, [minn issa 'l quddiem "il-fond"] u li huwa proprjetà tal-appellant, u anki sabiex titħallas is-somma mislufa mill-bank lill-appellant bil-għan li jkun jista' jeżegwixxi diversi xogħlijiet sabiex jitlesta dak il-fond.[1] L-appellata tikkontendi wkoll li hija kienet ħalliet ukoll diversi oġġetti fil-fond, liema oġġetti hija kienet xtrat minn flusha, u li hija tippretendi li l-appellant għandu jagħtihomlha lura. Dan kollu seħħ fiż-żmien li hija u l-appellant kellhom relazzjoni flimkien u kienu ftiehmu saħansitra li jibdew jgħixu flimkien fl-imsemmi fond. Sussegwentement, il-partijiet kien iffirmaw att pubbliku quddiem in-Nutar Myriam Spiteri Debono

[1] Ara Dok. JB2 kopja ta' *sanction letter* tal-BOV 15.06.11 *a fol.* 24.

fl-14 ta' Ottubru, 2012[2], fejn fost affarijiet oħra, ftiehmu sabiex il-pagamenti mensili dovuti lill-bank jitħallsu nofs bin-nofs bejniethom u li l-effetti mobbli u l-attrezzatturi l-oħra fil-fond kellhom jitħallsu wkoll b'mod ugwali bejniethom. B'dana li jekk ir-relazzjoni tagħhom tispiċċa, l-appellant obbliga ruħu li jirrestitwixxi l-flejjes li tkun ħarġet l-appellata skont dak il-ftehim.

**Mertu**

3. L-appellata istitwiet dawn il-proċeduri fis-6 ta' Awwissu, 2015 quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fejn ħarrket lill-appellant sabiex jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex:

> *"(i) tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmient'elef ħames mija u ħames Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu [€8,505.79c] rappreżentanti (a) ħlasijiet effetwati minnha sabiex saru xogħlijiet u benefikati u miljoramenti fil-fond bin-numru 9, Flat 3, bl-isem Stemar fi Triq l-Amerika, Naxxar proprjetà tal-intimat u (b) pagamenti mħallsa minnha lill-bank kreditur in konnessjoni mal-istess fond imsemmi.*
>
> *(ii) Tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-oġġetti kollha li huma proprjetà tagħha u li jinsabu fil-pussess tal-intimat, u ċioé fil-fond hawn fuq imsemmi, u fin-nuqqas ikun ikkundannat iħallas lir-rikorrenti dik is-somma likwidata minn din il-Qorti rappreżentanti l-valur ta' dawn l-istess oġġetti.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat mir-rikorrenti kontra l-intimat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri, u bl-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li qiegħed jiġi minn issa nġunt għas-subizzjoni.*
>
> *Ai fini ta' kompetenza qed jiġi dikjarat illi l-ammont globali mitlub ma jeċċedix il-kompetenza ta' din il-Qorti."*

[2] Kopja Dok. MSD1 a *fol.* 32.

4. L-appellant wieġeb kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;*

2. *Illi l-attriċi ma ħallset l-ebda xogħlijiet u benefikati u miljoramenti fil-fond numru 9, Flat 3, Stemar Court, Triq l-Amerka, Naxxar proprjetà tal-esponenti, fil-fatt l-esponenti kellu jieħu loan u sal-lum il-ġurnata għadu jħallas waħdu kull pagament dovut lill-Bank u għamel ukoll waħdu kull benefikat u miljorament fil-fond indikat;*

3. *Illi t-talba tal-attriċi hija waħda esaġerata għall-aħħar u dan peress li l-unika ħlas li għamlet kienu erba' pagamenti tal-loan fl-ammont ta' mitejn u hmistax-il Euro (€215) -l wieħed, li l-esponenti kien minn dejjem lest li jħallas;*

4. *Illi rigward l-affarijiet tal-attriċi li għadhom fil-fond tal-esponenti, l-esponenti minn dejjem kien lest li jagħtihomlha lura u dawn l-oġġetti huma sett ta' tazzi bir-reklam, xi borom, platti, xugamani, vażun u wok. Illi għal dan il-għan l-attriċi żammet ċavetta tal-fond supra indikat proprjet tal-esponenti;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ożra;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti attriċi li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni".*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti:***

*Il-Bord ra l-kuntratt ippublikat min-Nutar Myriam Spiteri Debono tal-14 ta' Ottubru, 2012 bejn Irving Schembri u Maria Agius li permezz tiegħu l-Partijiet ftehmu:*

"Illi permezz ta' att ta' donazzjoni rrevokabbli datat sebgha ta' Mejju elfejn u hdax (07/05/2011) fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono hawn taħt iffirmata, l-għarus Irving Schembri ngħata mill-ġenituri tiegħu Stephen u Mariella konjuġi Schembri b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli, arja tal-kejl ta' circa ħamsa u disgħin metru kwadru (95mk) ...

Jiġi ddikjarat illi din l-arja ingħatat mill-ġenituri mill-komparenti Irving Schembri biex fuqha jibni appartament illi jkun ir-residenza ordinarja tiegħu u ż-żewġ komparenti jiġifieri l-għarajjes Irving Schembri u Maria Agius qegħdin preżentament jiddikjaraw illi huma għandhom il-ħsieb illi dan l-appartament meta jiżżewġu jkun id-dar matrimonjali tagħhom.

Għar-rigward tal-ispejjeż sew fir-rigward ta' xogħol jiġifieri mano d'opera, kif ukoll fir-rigward ta' materjal utilizzati fil-bini u t-terminazzjoni b'mod li jkun tajjeb għal abitazzjoni tal-apparatament illi qiegħed fi stadju ta' kostruzzjoni u terminazzjoni fuq l-arja mogħtija b'donazzjoni mill-ġenituri tiegħu lill-għarus kif intqal aktar 'il fuq, il-komparenti l-għarus u l-għarusa jiddikjaraw u jifthemu dan li ġej:

L-għarus ħa self mill-Bank of Valletta plc u dan skont kopja ta' att ta' self iffirmat bejn l-għarus u l-Bank of Valletta plc f'att datat erbgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (24/10/2011) fl-atti tan-nutar Dottor Anthony Spiteri Debono, kif ukoll skont ittra maħruġa mill-istess Bank of Valletta plc lill-għarus liema ittra hi datata ħmistax ta' Ġunju elfejn u ħdax (15/6/2011) kopja hawn annessa u mmarkata dokument 'A', liema self ingħata biex jinbena u jiġi ffinalizzat l-appartament fuq l-arja fuq deskritta.

Illi l-għarus u l-għarusa qegħdin jiddikjaraw illi sa issa saru tmien pagamenti mensili jiġifieri pagamenti ta' kull xahar tal-ħlas lura tas-self mogħti lill-għarus Irving Schmebri mill-Bank of Valletta plc, liema tmien pagamenti tħallsu erbgħa minnhom minn fondi tal-għarus u erbgħa minnhom minn fondi tal-għarusa.

L-għarus u l-għarusa qegħdin jiftehmu illi għad-durata tal-għerusija sa dakinhar li jiżżewġu l-pagamenti mensili fuq is-self illi ngħata mill-Bank of Valleta plc lill-għarus għandhom jitħallsu ugwalment bejniethom, jiġifieri nofs bin-nofs.

Oltre dan qiegħed jiġi ddikjarat illi fil-bidu wara illi ngħatat lilu l-arja fuq deskritta b'donazzjoni, l-għarus kien ħareġ ċertu spejjeż, in konnessjoni mal-bini ta' l-appartament fuq imsemmi, waħdu. L-għarus u l-għarusa qegħdin jiddikjaraw illi l-ftehiem tagħhom fir-rigward ta' dan l-immobbli sostanzjalment jikkonsisti filli l-ispejjeż kollha tal-bini u t-terminazzjoni minn wara d-donazzjoni mogħtija lill-għarus mill-ġenituri tiegħu, essenzjalment għandhom jintrefu ugwalment u nofs bin-nofs bejniethom u għaldaqstant qiegħed jiġi ddikjarat illi diġà saru arranġamenti bejniethom biex kull wieħed u waħda minnhom ikun ħareġ spejjeż b'mod ugwali u għaldaqstant qiegħed jiġi ddikjrat illi biex tagħmel tajjeb għall-flejjes illi fil-bidu l-għarus Irving kien ħallas waħdu, l-għarusa Maria sejra tħallas waħedha l-ispiża tal-aperturi tal-aluminium tal-appartament.

Għar-rigward ta' effetti mobbli li ser jkun hemm fil-fond kif ukoll fir-rigward ta' attrezzaturi oħra anke dawn meqjusa immobbli minnhom infushom minħabba l-ħaġa li jkollhom x'jaqsmu magħha, l-għarus u l-għarusa wkoll jiftehmu illi kull spiza ser tkun qed tintrefa' minn kull wieħed u waħda minnhom b'mod ugwali.

Għaldaqstant kemm -il darba għal kwalunkwe raġuni jkun hemm rottura tal-għerusija stante illi l-immobbli huwa proprjetà tal-għarus għaliex l-arja ġiet mogħtija lilu b'donazzjoni mill-ġenituri tiegħu, l-immobbli bl-attrezzaturi u l-pertinenzi kollha tiegħu jibqa' proprjetà pjena u assoluta tal-għarus iżda l-għarusa jkollha d-dritt għar-rifużjoni ta' kwalunkwe flejjes li tkun ħarġet kif ġie mifthiem bejn l-għarus u l-għarusa f'dan il-preżenti ftehiem.

Għar-rigward ta' kif jitħallsu lura l-flejjes dovuti lill-għarusa mill-għarus, l-għarus u l-għarusa qegħdin jiddikjaraw illi kemm -il-darba tissuċċidi l-eventwalità tar-rottura tal-għerusija, jifthemu dak iż-żmien kif il-flejjes maħruġa mill-għarusa għandhom jitħallsu lura lilha, iżda qiegħed jiġi mifthiem illi fuq il-flejjes ma jkunx hemm imgħax, u qiegħed jiġi mifthiem ukoll illi l-ħlas lura tal-flejjes dovuti lill-għarusa fl-intier ma għandhom jieħdu aktar minn tlett snin".

*Illi minbarra l-att pubbliku ffirmat u preżentat fl-atti tal-kawża, din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibilità tax-xhieda, fuq l-apprezzament li din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi'** deċiża nhar it-tnax (12) t'April, 2007 fejn ingħad illi:*

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio)*, sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara Vol. XLVI/i/5.
b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta' –
Ara Vol. XXXVII/i/577;

c) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-

provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'eżempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

*Bid-differenza ta' dak meħtieġ fil-kamp kriminali, fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m'huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Il-Qrati tagħna dejjem tennew li l-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi civili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.*

*Fil-każ in desamina d-danni li allegatemanet sofra l-attur huma dawk naxxenti minn ksur ta' għerusija ta' madwar 4 snin.*

*Mhux kontestat li bejn il-partijiet ġie ffirmat kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono li permezz tiegħu huma regolaw il-ħlasijiet ta' kull oġġett li huma għamlu jew kellhom jagħmlu.*

*Il-konvenut ma jiċħadx li l-attriċi għamlet 4 pagamenti tal-'loan' u jgħid li ma jiftakarx min ħallas il-mirja iżda ma jsemmi xejn aktar in kwantu għall-oġġetti oħra li*

*ġew mitluba mill-attriċi. Kienu ż-żewg ġenituri tal-istess konvenut li anke kkonfermaw li l-attriċi ħallset grilioso, platti u xi xugamani.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li fl-affidavit tiegħu l-konvenut kien aktar moħħu biex jiskura u jħammeġ lill-attriċi milli jikkummenta fuq il-mertu tal-kawża odjerna, għajr li jgħid li ma huwiex minnu li l-attriċi kienet tħallas nofs l-ispejjeż inkorsi peress li kellha ħafna spejjeż oħra tal-ħanut tagħha. Madanakollu l-Qorti tistaqsi min hu dak li jiffirma kuntratt permezz ta' liema il-Partijiet ikunu ftehmu li ser iħallsu kollox f'sehemijiet ugwali mbagħad jħalliha ma tħallasx?*

*L-attriċi, flimkien mal-affidavit tagħha annettiet* breakdown *tal-ħlasijiet li qiegħda titlob*[3]*, liema* breakdown *huwa ferm iddettaljat stante li anke d-data ta' meta hija affettwat il-pagamenti żammet. Il-Qorti tinnota li fil-fatt dawn il-ħlasijiet li qed jitlob rimbors tagħhom huma dawk li saru għal benefiċċju u* enhancement *tal-proprjetà tal-konvenut. Il-Qorti tinnota wkoll li l-attriċi lanqas ġiet kontro-eżaminata fuq din il-lista.*

*Il-konvenut anke jikkontesta li l-pagamenti msemmija mill-attriċi u jinsisti li huwa għandu l-irċevuti, madanakollu l-fatt li l-irċevuti żammhom il-konvenut ma jfissirx li hija ma ħallsitx nofs l-ispejjeż inkorsi.*

*Ikkunsidrat ulterjorament li l-attriċi talbet ukoll is-*sound *ta' karozza, il-Qorti tinnota li ma ngiebet ebda prova biex jiġi stabbilit minn xtrah u ħallsu u jekk inxtarax bħala rigal.*

*Il-kwistjoni tar-rigali hija kunsidrata fil-Kodiċi Ċivili fl-Artikolu 1802, 1808 u 1809 iżda fil-każ in deżamina l-uniċi żewġ artikoli tal-liġi li huma rilevanti huma l-Artikolu 1808 u 1809, madanakollu l-Qorti mhux sejra tikkunsidra dan il-punt ġaladarba l-istess Qorti tħoss li ma nġibitx prova suffiċjenti riwardanti dan s-*sound *tal-karozza.*

*Il-Qorti ma ssibx lill-konvenut kredibli tant li:*

1. *Il-konvenut xehed li bejnu u bejn ir-rikorrenti ma kien hemm l-ebda ftehim iżda wara jgħid li kien sar il-ftehim peress li kien qed iħallas kollox hu;*

2. *Meta beda jibni dan il-fond, lanqas kien mar-rikorrenti – Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma kienx kapaċi jirrispondi meta bdiet u intemmet ir-relazzjoni mal-attriċi. L-attriċi spjegat li r-relazzjoni bdiet fis-sena 2010. Il-Qorti tinnota li s-*sanction letter *hija datata 15 ta' Ġunju, 2011;*

3. *Spjega li huwa kien lesta l-fond* 'semi finished' *bil-madum u dawl u l-ilma kollu sa qabel ma kien joħroġ mal-attriċi – F'dan ir-rigward, il-Qorti wkoll tinnota li kif diġà*

[3] *A folio* 157 – 158 tal-process.

*ingħad ir-relazzjoni bdiet fis-sena 2010 u xogħlijiet bdew wara li kienet ġja bdiet ir-relazzjoni.*

*Il-Qorti tinnota li l-fethim bejn il-partijiet kien wieħed ċar u li permezz tiegħu huma rregolaw il-kwistjonijiet ta' ħlasijiet. Dwar dawn il-pagamenti li l-attriċi għamlet kif appena spjegat, ma hemmx dubju li dawn saru kollha għall-benefiċċju tal-konvenut li llum qed igawdi l-imsemmi fond waħdu mingħajr l-attriċi u għalhekk m'hemmx dubju li għandha tħallas tagħhom.*

*Illi fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti l-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi rnexxielilha tipprova li effettivament għamlet il-pagamenti fuq imsemmija u li għalhekk għandha dritt li titħallas lura tal-ammont kollu minnha mitlub u għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut dwar it-talba tal-attur qed jiġu respinti.*

*Il-Qorti tosserva li l-attriċi talbet l-ħlas flimkien mal-imgħax fuq l-istess ammont. Tinnota li l-aħħar klawsola tal-kuntratt tistipula li "*Għar-rigward ta' kif jitħallsu lura l-flejjes dovuti lill-għarusa mill-għarus, l-għarus u l-għarusa qegħdin jiddikjaraw illi kemm il-darba tissuċċidi l-eventwalità tar-rottura tal-għerusija, jifthemu dak iż-żmien kif il-flejjes maħruġa mill-għarusa ghandhom jithallsu lura lilha, iżda qiegħed jiġi mifthiem illi fuq il-flejjes ma' jkunx hemm imgħax, u qiegħed jiġi mifthiem ukoll illi l-ħlas lura tal-flejjes dovuti lill-għarusa fl-intier ma għandhom jieħdu aktar minn tlett snin".

*Għaldaqstant, u fuq l-insenjament tal-prinċipju ta'* pacta sunt servanda*, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-imgħaxijiet"*

**<u>L-Appell</u>**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Lulju, 2020, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tiċħad it-talbiet tal-appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-istess appellata. L-appellant iressaq dawn iż-żewġ aggravji: (i) l-ewwel Qorti ħasset li kien hemm nuqqas ta' provi oġġettivi; u (ii) l-ewwel Qorti ma kinitx kompetenti *ratione materiae* sabiex tiddeċiedi t-tieni talba tal-appellata.

7. L-appellata wieġbet fil-11 ta' Awwissu, 2020, fejn filwaqt li tispjega r-raġunijiet tagħha, tissottometti li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell interpost mill-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra żewġ aggravji mressqa mill-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll inkonsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellata.

*L-ewwel aggravju: nuqqas ta' provi oġġettivi*

9. L-appellant jispjega li l-ewwel aggravju tiegħu fir-rigward tas-sentenza appellata huwa li kif kien jidher biċ-ċar, l-ewwel Qorti kienet sabet li l-każ odjern kif ippreżentat mill-appellata, kien nieqes minn provi oġġettivi u inekwivoċi. Għalhekk f'paġna 14 tas-sentenza appellata dik l-ewwel Qorti ddikjarat *"Illi minbarra l-att pubbliku ffirmat u preżentat fl-atti tal-kawża, din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibilità tax-xhieda, fuq l-apprezzament li din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom",* u skont l-appellant l-ewwel Qorti għarfet li l-każ huwa msejjes fuq verżjonijiet u l-verosimiljanza tal-verżjonijiet. L-appellant jissottometti li dan ma kellux ikun hekk u l-ewwel Qorti kienet skorretta. Jgħid li l-proċedura kienet titlob għall-aqwa prova u fil-każ odjern din kienet tikkonsisti fil-provi dokumentarji peress li dawn kienu oġġettivi u inekwivoċi. L-appellant isostni li huwa kien ippreżenta l-irċevuti f'ismu, bħala evidenza tal-fatt li l-ispejjeż li kienet qiegħda tirreklama l-appellata kienu fil-fatt tħallsu minnu, imma l-ewwel Qorti injorat din il-prova,

filwaqt li aċċettat it-talba tal-appellata meta din ma kellhiex irċevuta waħda. Madankollu meta l-ewwel Qorti ġiet sabiex tiddeċiedi dwar l-ispiża allegata ta' *sound system,* ċaħdet it-talba tal-appellata għaliex hija ma kinitx ippreżentat prova tal-pagament. L-appellant jgħid li l-Qorti mbagħad għaddiet sabiex aċċettat it-talba tal-appellata fl-intier tagħha mingħajr ma naqset il-valur ta' dan il-*sound system.* L-appellant ipoġġi fid-dubju n-nuqqas tal-appellata li ma żżommx irċevuta waħda meta kienet hi li nsistiet saħansitra li kollox ikun imniżżel f'att pubbliku li kien sar bejn il-partijiet fir-rigward tal-ispejjeż tal-għerusija.

10. L-appellata mill-ewwel tgħid li l-appellant ma kienx korrett u tispjega li l-ewwel Qorti kellha quddiemha att pubbliku u għamlitha ċara li dan kellu jitqies bħala prova. Tissottometti li dak li kien qed jgħid l-appellant f'dan l-istadju tal-appell, kien kontradett mill-pożizzjoni tiegħu quddiem l-ewwel Qorti fejn aċċetta li hija kienet għamlet erba' pagamenti li flimkien kienu jagħmlu €860. Tkompli tgħid li kif aċċennat l-ewwel Qorti, l-appellant hawnhekk kien qed juri għal darb'oħra nuqqas ta' kredibiltà u atteġġjament mill-aktar pikuż. L-appellata tgħid li l-appellant jiftaħar li huwa kellu rċevuta ta' kollox, imma dan kien għaliex kien huwa li żammhom wara li tħallsu l-ispejjeż mill-partijiet, u l-ewwel Qorti kkunsidrat li l-fatt li kien żammhom hu l-irċevuti, ma kienx ifisser li hija ma kinitx ħallset in-nofs tal-ispejjeż. Tirrileva li filwaqt li l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti kienet għamlet apprezzament ħażin tax-xhieda, l-istess Qorti kienet aċċennat għall-inkonsistenzi fix-xhieda tiegħu. L-appellata tidentifika diversi inkonsistenzi oħrajn fix-xhieda tal-appellant u anki istanzi oħrajn fejn huwa xehed b'mod xejn ċar. L-appellata tgħid li min-naħa tagħha, hija kienet

xehdet b'mod konsistenti u tat rendikont dettaljat ta' dak li hi kienet ħallset tiegħu.

11. L-ewwel Qorti fetħet il-konsiderazzjonijiet tagħha billi għamlet riferiment għall-kuntratt pubbliku magħmul bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Myriam Spiteri Debono tal-14 ta' Ottubru, 2012, u ċċitat estensivament minn dak l-att. Għarfet sew li l-kawża kienet tistrieħ biss <u>fuq dak l-att</u>, <u>u fuq il-kredibilità tax-xhieda</u> li tagħhom hija kienet tenuta li tagħmel apprezzament u għalhekk diġà hawnhekk qed jidher li dan l-ewwel aggravju tal-appellant mhux fondat. Filwaqt li tiċċita mis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** li kienet ġiet deċiża fit-12 ta' April, 2007, l-ewwel Qorti tajjeb irrilevat li fil-kamp ċivili l-apprezzament tal-provi tal-ġudikant huwa bbażat fuq il-bilanċ ta' probabilitajiet u għalhekk sewwa għamlet, tgħid din il-Qorti, meta għaddiet sabiex tagħmel evalwazzjoni tal-provi <u>kollha</u> li ġew imressqa mill-partijiet. Ġaladarba l-ewwel Qorti ġiet rinfaċċjata minn pretensjoni li ġabet fid-dubju jekk verament l-appellant kienx għamel il-pagamenti kollha skont kif kien qed jirriżulta mill-irċevuti u dokumenti oħra ppreżentati u li kienu nħarġu f'ismu, hija ma setgħetx ma tindagax aktar fil-fond sabiex tikkonstata jekk il-prova dokumentarja kienet fil-fatt xhieda tal-verità.

12. Wara li għal darb'oħra l-ewwel Qorti kkonsidrat li l-partijiet kienu ffirmaw bejniethom l-att notarili fuq imsemmi, tagħti fi ftit kliem dak li għamel, u naqas milli jagħmel l-appellant permezz tal-*affidavit* tiegħu. Tgħid li huwa kien aktar mitluf sabiex joskura u jħammeġ lill-appellata milli sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu dwar il-mertu. Il-Qorti tirrileva li l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti

hija waħda tajba għaliex l-appellant fil-fatt jiddedika l-parti l-kbira tal-*affidavit* tiegħu, sabiex jiddeskrivi kif issawret u sussegwentement iddeterjorat ir-relazzjoni bejnu u l-appellata. Dwar is-somma pretiża mill-appellata, huwa xott xott mingħajr l-ebda riferiment għad-dokument dettaljat esebit mill-appellata[4] flimkien mal-*affidavit* tagħha, u jgħid li jaċċetta li huwa dovut lilha *"... ftit aktar minn tmien mitt Euro, ossia l-ekwivalenti ta' erba' pagamenti li effettivament hemm qbil li saru, kif ukoll l-oġġetti li jien ili għal żmien twil ngħidilha biex tiġi tiġborhom...",* u dawn hu elenkahom fl-ewwel dokument[5] anness mal-affidavit tiegħu u li huma *"...il-mirja tal-banju, xkaffa tal-banju u x-xugumani ..."* u anki esebixxa ritratt tagħhom u ta' xi oġġetti oħra.[6]

13. L-ewwel Qorti ftit li xejn emmnet lill-appellant meta fl-istess *affidavit* jiddikjara li ma kienx minnu li l-appellata kienet ħallset nofs l-ispejjeż inkorsi, peress li hija kellha ħafna spejjeż oħra bil-ħanut tagħha. L-ewwel Qorti ikkonsidrat li meta ffirmaw il-kuntratt notarili, il-partijiet kienu obbligaw ruħhom li jħallsu nofs l-ispejjeż, u għalhekk ma dehritx konvinta li l-appellant ma nsistiex li l-appellata kellha taderixxi mal-obbligi pattwiti. Din il-Qorti wkoll ma tistax taċċetta faċilment li wara li l-partijiet, li kienu għarajjes, għażlu saħansitra li jagħmlu att pubbliku sabiex jirregolaw il-ftehim li kienu waslu għalih bejniethom bil-fomm, jonqsu sussegwentement milli jeżegwuh.

14. L-ewwel Qorti osservat li l-appellata flimkien mal-*affidavit* tagħha kienet annettiet *breakdown* tal-ħlasijiet li tagħhom kienet qiegħda titlob rifużjoni. L-ewwel Qorti rrilevat li dan il-*breakdown* huwa pjuttost wieħed dettaljat, punt li

---

[4] Dok. B *a fol.* 157 u 158.
[5] Dokument 1 *a fol.* 200.
[6] Dokument 2 *a fol.* 207.

jagħti aktar kredibbilità lid-dokument. L-ewwel Qorti tgħid li anki d-dati tal-pagamenti kienu indikati u sabet li l-pagamenti kollha saru għall-benefiċċju tal-proprjetà tal-appellant. L-ewwel Qorti għamlet punt ieħor rilevanti għall-miżien tal-provi tal-partijiet, ċjoé li l-ebda kontroeżami ma sar dwar dawn il-ħlasijiet. Dan il-fatt ċertament jimmilita kontra l-appellant, li naqas li jitlob spjegazzjoni aħjar u aktar dettaljata mingħand l-appellata dwar dak li huwa kien qed isostni li ma kienx minnu, filwaqt li huwa stess imkien ma jispjega jew jirribatti forsi permezz ta' xi prova, kif dawk l-ispejjeż qatt ma ħallset għalihom l-appellata.

15. L-ewwel Qorti mbagħad ħadet inkonsiderazzjoni li l-appellant kien qed jikkontesta dawk il-ħlasijiet billi kien qed jinsisti li huwa kellu l-irċevuti, imma sewwa wisq qieset li dan ma kienx ifisser li l-appellata ma kinitx ukoll ħallset in-nofs tagħha. Ħadet inkonsiderazzjoni wkoll il-kwistjoni tax-xiri ta' *sound system* għall-karozza, u ddikjarat li ma kinitx inġabet prova suffiċjenti dwaru mill-appellata. L-ewwel Qorti mbagħad tgħaddi sabiex telenka mhux inqas minn tliet raġunijiet għaliex hija kienet tikkonsidra x-xhieda tal-appellant bħala mhux kredibbli, u din il-Qorti tgħid li tikkondividi l-fehmiet tagħha. L-ewwel Qorti tikkonkludi billi tgħid li l-appellata kien irnexxielha tipprova li effettivament hija kienet għamlet il-pagamenti msemmija. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dan. Tagħraf li l-appellata minbarra li xehdet b'mod ċar dwar l-ispejjeż li tħallsu mill-faċilità ta' self mogħti mill-bank u dawk l-ispejjeż l-oħra li ħallsuhom direttament il-partijiet, u dan dejjem billi hija tat sehemha fi flus kontanti lill-appellat, ippreżentat l-unika prova li din il-Qorti tgħid li jista'

jkollha in sostenn ta' dan fin-nuqqas ta' rċevuti, jiġifieri n-notamenti tagħha stess.

16. L-appellant jinsisti li dan ma kienx biżżejjed u jgħid li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddeċidiet il-każ skont il-verosimiljanza tal-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet. Jinsisti li l-każ odjern kien jitlob prova dokumentarja li kellha tkun l-aħjar prova, u fil-każ odjern din l-aħjar prova ġiet ippreżentatha minnu u kienet turi li kien huwa li ħallas għall-ispejjeż li allegatament ħallset nofshom l-appellata. Iżda din il-Qorti tagħraf li l-prova dokumentarja hija l-aħjar prova ta' dak allegat, sakemm ma jirriżultawx fatti u ċirkostanzi oħra li jxejnu l-veraċità tagħha. Hekk irriżulta lill-ewwel Qorti fil-każ odjern u din il-Qorti ma tarax li d-deċiżjoni tagħha setgħet kienet mod ieħor.

17. Għaldaqstant issib li l-ewwel aggravju tal-appellant mhux ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: nuqqas ta' kompetenza tal-ewwel Qorti*

18. It-tieni aggravju tal-appellant jolqot il-kompetenza tal-ewwel Qorti fejn din iddeċidiet it-tieni talba tal-appellata għar-restituzzjoni ta' diversi oġġetti reklamati minnha. L-appellant jissottometti li din it-talba kienet sabiex huwa jeżegwixxi *obbligazione di fare* u mhux *obbligazione di dare,* u għalhekk l-ewwel Qorti kellha tqajjem *ex officio* l-inkompetenza tagħha *ratione materiae.* In sostenn tal-argument tiegħu, huwa jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Micallef** ***vs.*** **Rita Farrugia** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2014.

19. L-appellata tinsisti li hawnhekk ma teżisti l-ebda kwistjoni ta' inkompetenza tal-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni talba, iżda jekk din il-Qorti jidhrilha mod ieħor, kellhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732A tal-Kap. 12. Madankollu kien l-appellant stess permezz tar-raba' eċċezzjoni tiegħu li ammetta li huwa kien lest li jrodd lura l-oġġetti li kienu għadhom fil-fond u li kienu jappartjenu lill-appellata.

20. Din il-Qorti tagħraf li fit-talba tagħha quddiem l-ewwel Qorti għar-ritorn tal-oġġetti proprjetà tagħha, l-appellata talbet ukoll li jekk l-appellant jonqos milli jgħaddi dawk l-oġġetti huwa għandu jiġi kkundannat iħallas somma li tiġi likwidata mill-ewwel Qorti u li tirrappreżenta l-valur tagħhom. Ġaladarba t-talba tagħha tista' tissarraf f'somma determinata, din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha *ratione materiae.* Dan aktar u aktar meta tosserva wkoll li wara kollox, kif sewwa tirrileva l-appellata, l-appellant stess iddikjara fl-eċċezzjonijiet tiegħu li *"...l-esponenti minn dejjem kien lest li jagħtihomlha lura u dawn l-oġġetti huma sett ta' tazzi bir-reklam, xi borom, platti, xugamani, vażun u wok".* Fl-*affidavit* tiegħu u d-dokument anness miegħu[7], l-appellant għal darb'oħra jikkonferma li għandu jagħti diversi oġġetti lill-appellata u jindakahom. Għal darb'oħra fir-rikors tal-appell tiegħu huwa jiddikjara *"Illi ... l-esponenti kien dispost li jagħti l-oġġetti li huwa semma fl-affidavit tiegħu u preċedentement kien offra li jagħmel dan anki saħansitra qabel l-intavolar tal-kawża permezz tal-ittri legali tiegħu...".*

[7] *A fol.* 197 *et seq.*

21. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx dan l-aħħar aggravju ġustifikat u tiċħdu wkoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu u tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet tiegħu, tilqa' t-talbiet tal-appellata, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr għal dak li jingħad fir-rigward tal-imgħaxijiet, fejn il-Qorti tgħid li ġaladarba llum iddekorrew aktar mit-tliet snin miftiehma bejn il-partijiet fil-kuntratt notarili tal-14 ta' Ottubru, 2012, fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono[8], l-imgħaxijiet għandhom jibdew jiddekorru minn tliet snin wara l-ewwel interpellanza tagħha fil-15 ta' Diċembru, 2014.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern jitħallsu mill-appellant ukoll.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[8] *"Għar-rigward ta' kif jitħallsu lura l-flejjes dovuti lill-għarusa mill-għarus, l-għarus u l-għarusa qegħdin jiddikjaraw illi kemm -il darba tissuċċidi l-eventwalità tar-rottura tal-għerusija, jifthemu dak iż-żmien kif il-flejjes maħruġa mill-għarusa għandhom jitħallsu lura lilha, iżda qiegħed jiġi mifthiem illi fuq il-flejjes ma jkunx hemm imgħax, u qiegħed jiġi mifthiem ukoll illi l-ħlas lura tal-flejjes dovuti lill-għarusa fl-intier ma għandhom jieħdu aktar minn tlett snin.".*